# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa 27 ta' Ottubru 2017**

**Numru 3**

**Rikors numru 853/13 JA**

**Loreta sive Lorraine Azzopardi, Carmen Mifsud, u Mario Farrugia**

**vs**

**Sandra Caruana u għal kull interess żewġha Paul Caruana**

**Preliminari**

**1.** Dan huwa appell ad istanza tal-konvenuti:

(i) mis-sentenza tat-3 ta' Ottubru 2014 mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili;

(ii) mid-digriet mogħti nhar it-12 ta' Settembru 2014[1] fuq rikors ippreżentat mill-atturi appellati fit-12 ta' Settembru 2013[2] li bih ġiet milqugħa t-talba tagħhom biex issir korrezzjoni fl-ewwel talba kontenuta fir-rikors maħluf tagħhom;

(iii) mid-digriet mogħti waqt l-udjenza tad-9 ta' Lulju 2014[3] li bih il-provi tagħhom ġew dikjarati magħluqa; u

(iv) mill-fatt li r-rikors ippreżentat minnhom fid-9 ta' Lulju 2014[4] (li permezz tiegħu talbu lill-qorti tissospendi l-prolazzjoni tas-sentenza, tordna lill-atturi jinnotifikaw lill-konvenuti bl-affidavits tagħhom, tagħtihom l-opportunita` jressqu l-provi tagħhom) baqa' ma ġiex iddegretat.

**2.** Konsegwentement il-konvenuti qegħdin jitolbu lil din il-qorti:

(i) tilqa' l-ewwel aggravju tagħhom u:

• tħassar id-digriet tat-12 ta' Settembru 2014,

• tħassar id-digriet tad-9 ta' Lulju 2014, u kwindi

• tħassar is-sentenza tat-3 ta' Ottubru 2014,

---

[1] Digriet tat-12.09.2014 a fol 27A
[2] Rikors tat-12.09.2013, a fol 26
[3] Digriet tad-09.07.2014, a fol 103
[4] Rikors tad-9 ta' Lulju 2014, fol 111

u konsegwentement tirrimanda l-atti lura lill-ewwel Qorti sabiex huma jkunu jistgħu jwieġbu għar-rikors tal-atturi tat-12 ta' Settembru 2013, jikkontro-eżaminaw ix-xhieda li ressqu l-atturi permezz tal-affidavits (liema affidavits ma ġewx notifikati lilhom) u jressqu l-provi tagħhom; u finalment jingħata provvediment finali dwar ir-rikors tagħhom tad-9 ta' Lulju 2014, liema rikors baqa' mhux degretat;

(ii) alternattivament tilqa' t-tieni aggravju tagħhom u tħassar is-sentenza tat-3 ta' Ottubru 2014;

(iii) alternattivament u sussidjarjament, tilqa' t-tielet aggravju tagħom u tħassar is-sentenza tat-3 ta' Ottubru 2014 u konsegwentement tgħid li l-konvenuta Sandra Caruana, bħala komproprjetarja tal-fond in kwistjoni, ma tistax tiġi ordnata tivvaka u tiżgombra mill-istess fond.

(iv) Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-atturi appellati.

**3.** Għal intendiment aħjar ta' dan l-appell is-sentenza mogħtija mill-ewwel Qorti qegħda tiġi hawnhekk riprodotta fl-intier tagħha:

> "Rat ir-rikors ġuramentat tal-atturi preżentat fl-4 ta' Settembru 2013 li permezz tiegħu ġie premess:
>
> "Illi l-atturi Loreta *sive* Lorraine Azzopardi, Carmen Mifsud u Mario Farrugia huma ko-propjetarji ta' dar 24, Santa Theresa, Triq Manuel Dimech, Għaxaq. Illi dan il-fond huma wirtu sehem missierhom, Francesco Saverio *sive* Francis Farrugia, li miet *'ab intestato'*. Illi dan jirriżulta mill-kuntratt *causa mortis* tal-31 ta' Diċembru 1995 fl-atti tan-

Nutar Joe Cilia LL.D. li kopja tiegħu qiegħed tiġi hawn annessa bħala Dok X1;

"Illi Francesco Saverio Farrugia miet fit-2 ta' Lulju 1995;

"Illi in forza tal-liġi, l-mejjet ħalla lill-ħamest (5) uliedu (i) Sandra Caruana, (ii) Rosaria *sive* Rose Agius (illum mejta), (iii) Loreta *sive* Lorraine Azzopardi, (iv) Mario Farrugia u (v) Carmen Mifsud bħala eredi universali u padruni assoluti tal-ġid kollu tiegħu, fi kwoti ndaqs bejniethom. Illi missier il-kontendenti kellu n-nofs sehem indiviż tal-fond 24 Saint Theresa, Triq Manuel Dimech, Għaxaq;

"Illi l-fond 24, Santa Theresa, Triq Manuel Dimech, Għaxaq kien il-fond fejn kienu jgħixu missier u omm il-kontendenti (llum it-tnejn mejtin) u li kien jisimhom Francis Farrugia u Theresa Farrugia xebba Caruana. Illi dan il-fond huwa ndiviż bejn l-aħwa, u l-atturi kienu regolarment jidħlu fil-fond. Illi ilhom igawdu l-pussess u t-tgawdija ta' din id-dar għomorhom kollu w anke wara l-mewt ta' missierhom u ommhom. Illi dan il-fond kien inxtara fiż-żwieġ bejn missier u omm il-kontendenti;

"Illi omm il-kontendenti, u ċjoe' Theresa Farrugia xebba Caruana mietet fit-3 ta' Frar 2010, fejn hi kienet għamlet testment fejn ħalliet il-wirt tagħha tiġi regolata permezz ta' testment tat-28 ta' Ġunju 2001 fl-atti tan-Nutar Joe Cilia LLD, fejn ħalliet il-wirt tagħha lil Rosaria *sive* Rose Agius u ħalliet il-leġittima / sehem riservat lil Carmen mart Herman Mifsud, Sandra mart Paul Caruana, Mario Farrugia u Loreta *sive* Lorraine Azzopardi skont it-Tieni Artikolu. Illi dan it-testment qiegħed jiġi hawn anness bħala Dok X2;

"Illi Rosaria Agius (li tiġi wieħed mit-tfal ta' Franġisku u Theresa Farrugia) mietet nhar it-12 ta' Jannar 2013 skont ċertifikat tal-mewt hawn anness bħala Dok X3, u skont ir-riċerki testamentarji tagħha hi ħalliet il-wirt tagħha kollu lil oħtha Sandra Caruana skont testment tad-19 ta' Diċembru 2009 fl-atti tan-Nutar John Cachia Zammit li kopja tar-riċerki testamentarji u tat-testment qiegħdin jiġu hawn annessi bħala Dok X4sa X6 inklużi;

"Illi l-atturi f'din il-kawża kienu rrinunzjaw għall-wirt t'ommhom permezz ta' rinunzja ta' wirt b'digriet numru 251/2012 fil-Qorti Ċivili (Ġurisdizzjoni Volontarja) datat it-3 ta' Mejju 2012 li kopja tiegħu qiegħed jiġi hawn anness bħala Dok X7;

"Illi għalhekk l-atturi qiegħdin jintavolaw din il-kawża bħala ko-proprjetarji ta' sehem li huma wirtu mingħand missierhom;

"Illi fil-21 ta' Lulju 2013, għall-ħabta tas-6:00pm, ir-rikorrenti ndunaw illi l-konvenuti kienu daħlu u okkupaw il-fond imsemmi, 24 Santa Theresa, Triq Manuel Dimech, Għaxaq u dan b'mod abużiv u llegali u mingħajr awtorizżazzjoni tal-istess atturi. Illi oħthom Sandra Caruana

u żewġha Paul Caruana kienu joqogħdu 68, Saint Mary Street, Żejtun u ma kienux joqogħdu ġewwa l-fond Ħal-Għaxaq;

"Illi l-imsemmija Sandra Caruana u żewġha Paul Caruana qiegħdin jokkupaw u jgħixu fil-fond mingħajr il-kunsens tal-atturi, u liema Sandra Caruana u Paul Caruana ma kellhom ebda dritt sabiex jokkupaw il-fond imsemmi, billi r-rikorrenti huma ko-proprjetarji billi kienu wirtu lil missierhom fi kwoti ugwali u kellhom iċ-ċavetta u l-aċċess għall-fond in kwistjoni mertu tal-kawża;

"Illi *inoltre* r-rikorrenti kienu jafu li sa ftit żmien ilu l-fond imsemmi kien vojt u ebda persuna ma kien qiegħed jokkupa l-fond, billi r-rikorrenti kienu għaddew minn hemm, u l-post ma kienx abitat. Illi l-aħwa kollha kellhom aċċess għall-imsemmi fond ta' missierhom u ommhom 24, Santa Theresa, Triq Manuel Dimech, Għaxaq;

"Illi Mario Farrugia kien anke daħal fil-post xi ġranet qabel il-21 ta' Lulju 2013, u dak il-ħin ċertament ma kien hemm ebda persuna tokkupa l-fond 24, Santa Theresa, Triq Manuel Dimech, Għaxaq;

"Illi r-rikorrenti marru jagħmlu rapport mal-Pulizija billi ppreżentaw ittra / kwerela lill-Ispettur tal-Għassa tal-Pulizija Żejtun li kopja tal-ittra datata t-22 ta' Lulju 2013 qiegħda tiġi hawn annessa bħala Dok X8;

"Illi fit-30 ta' Lulju 2013, l-atturi ntavolaw ittra uffiċjali kontra l-konvenuta sabiex tagħti kopja taċ-ċavetta tal-fond lill-istess atturi u sabiex jiżgombraw mill-istess fond, liema kopja tal-ittra uffiċjali qiegħda tiġi hawn annessa bħala Dok X9;

"Illi fit-2 t'Awissu 2013 Sandra u Paul konjuġi Caruana rribattew l-ittra uffiċjali permezz ta' ittra legali datata it-2 t'Awissu 2013. Illi fl-ittra jagħmlu referenza għal ittra oħra (li ma ppreżentaw ebda kopja tagħha imma li l-atturi kellhom kopja fil-*file* tagħhom) ta' ittra tat-8 ta' Novembru 2010 li kopji tal-ittri qiegħdin jiġu hawn anness bħala Dok X10 u X11;

"Illi fit-12 t'Awissu 2013 l-atturi bagħtu ittra responsiva liema ittra responsiva qiegħda tiġi hawn annessa bħala Dok X12;

"Billi l-konvenuti m'aderixxewx għat-talbiet tal-atturi u billi webbsu rashom sabiex iroddu lura u jirrintegraw l-atturi fil-pussess tal-fond 24, Santa Teresa, Triq Manuel Dimech, Għaxaq, l-atturi kellhom bil-fors jintavolaw din il-kawża;

"Jgħidu għalhekk il-konvenuti prevja kwalsiasi dikjarazzjoni neċessarja u opportuna għaliex din il-Qorti m'għandhiex:

1. "Tiddikjara li l-aġir tal-konvenuti jikkostitwixxi spoll għad-danni tal-atturi fit-termini tal-artikolu 535 tal-Kap 16;

2. “Tordna lill-istess konvenuti sabiex jerġgħu jirrintegraw lill-atturi fil-pussess tad-drittijiet pjeni tagħhom billi jivvakaw għal kollox mill-fond 24, Santa Teresa, Triq Manuel Dimech, Għaxaq, jroddu kopja taċ-ċavetta lill-istess atturi, u dan *entro* terminu qasir u perentorju li l-Qorti tiddetermina.

3. “Illi fin-nuqqas li l-konvenuti ma jaderixxux mal-ordnijiet tal-Qorti skont it-tieni talba, *entro* t-terminu perentorju li l-Qorti tistipula, tawtorizza lill-atturi sabiex a spejjeż tal-konvenuti, jagħmlu dawk ix-xogħlijiet neċessarji prevja u jekk hemm bżonn ta’ periti nominandi, sabiex jiġu re-integrati fil-pussess tal-fond 24, Santa Teresa, Triq Manuel Dimech, Għaxaq.

“Bl-ispejjeż kollha inklużi tal-ittra uffiċjali tat-30 ta’ Lulju 2013, kontra l-konvenuti li huma minn issa nġunti in subizzjoni. B’riżerva ta’ kull dritt u azzjoni fil-liġi.

“Rat il-lista tax-xhieda tal-atturi;

“Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenuti preżentata fl-14 t’Ottubru 2013 li permezz tagħha eċċepew illi:

1. “L-esponenti Paul Caruana – li ġie mħarrek mill-atturi għall kull interess li jista’ jkollu – mhuwiex leġittimu kontradittur għat-talbiet attriċi u lanqas għandu interess, fost l-oħrajn, għaliex huwa legalment separate minn mal-esponenti Sandra Caruana;

2. “L-atturi ma kellhomx il-pussess tal-fond 24, “Santa Teresa”, Triq Manuel Dimech, Ħal Għaxaq u kienet l-esponenti Sandra Caruana li kellha l-pussess esklussiv tal-istess;

3. “Ħadd mill-esponenti ma kkommetta xi att spoljattiv għad-detriment tal-atturi;

4. “L-atturi ilhom ħafna aktar minn xahrejn li m’għandhomx pussess tal-fond in kwistjoni;

5. “Matul it-trattazzjoni tal-kawża ser jirriżulta li l-esponenti Sandra Caruana kellha pussess esklussiv tal-fond in kwistjoni minn qabel ma nħoloq l-istat ta’ komproprjeta’ mal-atturi u għalhekk, skont ġurisprudenza paċifika, hija għandha d-dritt tibqa’ fit-tgawdija tal-ħaġa komuni almenu sal-qasma;

6. “F’kull każ u mingħajr preġudizzju għall-premess, ladarba l-esponenti Sandra Caruana hija komproprjetarja tal-fond in kwistjoni, it-tieni talba tal-atturi li permezz tagħha qiegħdin jitolbu l-iżgumbrament mill-fond in kwistjoni ma tistax tintlaqa’ proprju għaliex komproprejtarju ma jista’ qatt jitlob l-iżgumbrament tal-komproprjetarju ieħor mill-ħaġa komuni;

7. “Jekk kemm-il darba din l-Onorabbli Qorti ma taqbilx ma’ dak kollu hawn fuq espost, l-esponenti xorta waħda jsostnu li hemm lok illi t-talbiet attriċi jiġu miċħuda għaliex semmai kienu l-atturi li kkommettew spoll kontra l-esponenti, jew min minnhom, liema spoll ġie rimoss skont il-prinċipju *“vim vi ripellere licet”;*

8. “Salv risposta ulterjuri jekk ikun il-każ;

“Għaldaqstant, l-esponenti umilment jitolbu illi din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad it-talbiet attriċi bl-ispejjeż kollha kontra tagħhom. L-atturi huma minn issa stess inġunti in subizzjoni.

“Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenuti.

“Semgħet il-provi;

“Rat l-atti proċesswali u l-verbal tas-seduta tad-9 ta’ Lulju 2014 fejn il-kawża tħalliet għas-sentenza fuq talba tad-difensur tal-atturi;

“Ikkunsidrat:

“Illi kif jidher ċar mir-rikors din hija kawża ta’ spoll. L-atturi qed isostnu illi l-konvenuti okkupaw il-fond li għalih irreferew fl-istess rikors. Kif hu magħruf huma tlieta l-elementi rikjesti biex azzjoni ta’ spoll tirnexxi, u ċjoe’:

1. “il-pussess – ***possedisse;***

2. “l-azzjoni spoljattiva li tkun saret bil-moħbi jew kontra l-volonta’ tal-attur – ***spoliatum fuisse;*** u

3. “li l-azzjoni issir fi żmien xahrejn minn meta jkun seħħ l-ispoll – ***infra bimestre deduxisse***.

“Huwa ben magħruf illi din l-azzjoni hija ntiża biex ħadd ma jieħu l-liġi b’idejh u ma jaġixxix f’dan is-sens anke jekk ikollu raġun fis-sustanza. Min għandu dritt li jieħu pussess ta’ xi oġġett jew proprjeta’ għandu jaġixxi ġudizzarjament u mhux jieħu huwa stess l-inizjattiva.

“Illi infatti per eżempju, fis-sentenza **“Delia vs Schembri”** (deċiża mill-Prim’ Awla tal-Qorti Ċivili fl-4 ta’ Frar 1958) ġie ritenut illi:

> “*“L-azzjoni ta’ spoll isservi biex tipproteġi il-pussess, ikun x’ikun ... li jiġi vjolentement jew okkultament meħuda mingħand il-possessur jew detentur, u ġie deċiż kemm-il darba li tapplika wkoll għat-tutela tal-kważi pussess tad-drittijiet legali u hija inerenti għall-fatt ta’ min b’awtorita’ privata ... jagħmel għad-dannu ta’ terza persuna att li għalkemm jista’ jkollu dritt għalih ma jistax jeżerċitah mingħajr intervent tal-Qorti.”*

"Illi fi kliem **Pacifici Mazzoni** spoll vjolent huwa *"qualunque atto arbitrario che per forza privata si compia contro la volontarieta' dello spogliato"* (Vol III Sez. 52).

"Illi kif ukoll intqal fil-kawża **"Margherita Fenech vs Pawla Zammit"** deċiża fit-12 ta' April 1958:

> "*"L-actio spolii hija radikata pjuttost fuq l-esiġenzi ta' utilita' soċjali milli fuq il-prinċipju assolut ta' ġustizzja hija eminentement intiża l-protezzjoni ta' kwalunkwe pussess u jiġi impedut liċ-ċittadin privat li jieħu l-liġi f'idejh; b'mod li l-fini tagħha huwa dak li jiġi restawrat l-istat tal-pussess li jkun ġie skonvolt jew turbat."*

"Illi ċitazzjoni oħra rilevanti hija fis-sens li:

> "*"Kif kellha okkażjoni tesprimi ruħha l-Onorabbli Qorti tal-Appell, l-indaġini li trid issir hija waħda limitatissima, rigoruża u skarna, u ma tinsab f'ebda leġislazzjoni oħra, u kompliet tgħid illi għalhekk indaġinijiet ibbażati fuq x'jgħidu u ma jgħidux ġuristi u awturi Franċiżi u Taljani huwa għal kollox irrilevanti u inapplikabbli fil-kuntest tal-ordinament ġuridiku tagħna."* (Appell Ċivili fl-ismijiet **"Cardona vs Tabone"**, deċiż fid-9 ta' Marzu 1992).

"Illi l-konvenuti ma ressqux provi u wrew disinteress kważi totali fl-andament tal-kawża, u allura ma rribattewx il-provi li ressqu l-atturi; l-atturi da parti tagħhom ressqu diversi provi konsistenti f'affidavits u xhieda oħra u għall-Qorti huwa evidenti li r-rekwiżiti kollha tal-azzjoni jirriżultaw.

"**DEĊIŻJONI**
"**Għal dawn il-motivi, il-Qorti tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa' t-talbiet attriċi kif dedotti; tipprefiġġi t-terminu ta' xahar għar-riprestinar u tinnomina lill-Arkitett u Inġinier Ċivili Mario Cassar sabiex f'kull każ jissorvelja x-xogħlijiet neċessarji.**

"**L-ispejjeż tal-kawża jkunu a kariku tal-konvenuti**".

## <u>Rikors tal-appell tal-konvenuti (20.10.2014)</u>

**4.** L-aggravji tal-konvenuti huma s-segwenti tlieta:

(i) *Erba' irregolaritajiet proċedurali li ċaħduhom minn smiegħ xieraq*:

Fl-ewwel lok jilmentaw illi l-andament tal-kawża quddiem l-ewwel Qorti huwa miżgħud b'irregolaritajiet proċedurali li kumplessivament wasslu biex ċaħħduhom mid-dritt li jressqu l-każ tagħhom. L-erba' (4) irregolaritatjiet li jilmentaw dwarhom huma dawn:

(a) L-ewwel irregolarita` allegata tirrigwarda r-rikors tal-atturi tat-12 ta' Settembru 2013 fejn talbu li ssir korrezzjoni fir-rikors promutur tagħhom fis-sens li fejn kienu talbu lill-qorti "*Tiddikjara li l-aġir tal-konvenuti tat-21 ta' Lulju 2013 jikkostitwixxi spoll għad-dannu tal-atturi fit-termini tal-Artikolu 535 tal-Kap 16*", jitħassru l-kliem "*tal-21 ta' Lulju 2013*". Huma jilmentaw illi minkejja li l-ewwel Qorti fit-18 ta' Settembru 2013 kienet ordnat lill-atturi sabiex jinnotifikawhom (lill-konvenuti) bir-rikors, l-atturi effettivament qatt ma ħallsu żieda għan-notifika ta' tali rikors; iżda madanakollu l-ewwel Qorti, meta l-kawża kienet diġa differita għas-sentenza, għaddiet biex tilqa' t-talba għall-korrezzjoni (bi ksur tal-ordni tagħha stess). Jilmentaw ukoll li lanqas biss ġew notifikati bl-atti kif korretti.

(b) It-tieni irregolarita` allegata tirrigwarda l-fatt li fl-udjenza tas-27 ta' Ġunju 2014 l-atturi ppreżentaw tlett affidavits. Jilmentaw li ma tħalliet l-ebda kopja ta' tali affidavits fil-proċess, u lanqas ma ġew notifikati bihom u dan meta l-Artikolu 157 tal-Kap. 12 jipprovdi li l-attur għandu jieħu ħsieb li jinnotifika lill-konvenut bir-rikors ġuramentat, b'kull affidavit

tiegħu u b'kull dokument anness mar-rikors; u meta l-Artikolu 160 jipprovdi li kopja tal-affidavit ta' xhud għandha tiġi notifikata lill-parti l-oħra. Jilmentaw ukoll illi meta għamlu rikors fejn talbu li l-affidavits jiġu notifikati lilhom, l-ewwel Qorti ordnat in-notifika tar-rikors u meta dan ma ġiex notifikat wara diversi tentattivi, baqgħet ma ddegretatux u għaddiet għas-sentenza.

(c) It-tielet irregolarita` allegata tirrigwarda ċ-ċirkostanza li minkejja l-fatt li fl-udjenza tas-27 ta' Ġunju 2014 l-atturi ddikjaraw il-provi magħluqa (salv il-jedd li jikkontro-eżaminaw lilhom – il-konvenuti), fl-udjenza tad-9 ta' Lulju 2014 ippreżentaw affidavit ieħor, li wkoll ma nnotifikawhulhomx, u dakinhar stess l-ewwel Qorti ddikjarat li l-provi tagħhom (il-konvenuti) bħala magħluqa u ddiferiet il-kawża għas-sentenza. Fl-ewwel lok jilmentaw li l-ewwel Qorti ma messhiex ippermettiet il-preżentata tal-aħħar affidavit meta l-atturi kienu diġa għalqu l-provi. Fit-tieni lok jilmentaw illi mhux sew li ma tathom l-ebda opportunita` biex jagħmlu l-kontro-eżami, li jressqu l-provi tagħhom jew li jagħmlu s-sottomissjonijiet. Jaċċennaw għall-Artikolu 204(1)(a) tal-Kap 12 li jipprovdi li l-partijiet personalment jew permezz tal-avukati tagħhom ikollhom id-dritt li jagħmlu s-sottommissjonijiet tagħhom bil-miktub jew bil-kliem.

(d) Ir-raba' irregolarita` tirrigwarda r-rikors tagħhom tad-9 ta' Lulju

2014, li permezz tiegħu talbu s-sospenzjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza, li jiġu notifikati bl-affidavits, u li jingħataw l-opportunita` li jressqu l-provi tagħhom. Jispjegaw illi minkejja li l-ewwel Qorti ordnat in-notifika ta' dan ir-rikors, hija qatt ma ddegretatu finalment, wara li huma ma rnexxilhomx jinnotifikaw lill-atturi minkejja diversi tentattivi. Jikkummentaw li dan huwa kontrastanti ma' dak li ġara fil-każ tar-rikors tal-atturi tat-12 ta' Settembru 2013 fejn minkejja li l-atturi lanqas biss ipprovaw jinnotifikawhom, l-ewwel Qorti laqgħetilhom ir-rikors għall-korrezzjoni. Għaldaqstant jilmentaw li l-ġustizzja ma ġietx applikata b'mod ugwali.

(ii) *L-atturi ma pprovawx it-tieni rekwiżit: (spoliatum fuisse):*

Fil-mertu, il-konvenuti jargumentaw illi għalkemm l-atturi ġabu prova li kellhom il-pussess u li l-kawża għamluha fi żmien xahrejn, l-element li assolutament ma jirriżultax huwa t-tieni element: u cioe` li sar xi għemil spoljattiv da parti tagħhom.

(iii) *Fi kwalunkwe każ, l-ewwel Qorti ma setgħetx tilqa' t-talba għall-iżgumbrament billi l-konvenuta hija komproprjetarja tal-fond*

Finalment il-konvenuti jargumentaw illi anke kieku *gratia argomenti* kellu jitqies li l-atturi ssodisfaw l-elementi kollha tal-azzjoni ta' spoll, huwa inkonċepibbli li l-konvenuta li għandha titolu fuq il-fond tiġi ordnata

tiżgombra minnu.

**5.** Minkejja li l-atturi appellati ġew notifikati bir-rikors tal-appell ma ppreżentawx risposta.

**<u>Kronoloġija tal-*iter* proċesswali</u>**

**6.** Ladarba fl-ewwel aggravju tagħhom il-konvenuti appellanti jsostnu li kien hemm diversi irregolaritajiet proċedurali ta' preġudizzju għalihom, din il-qorti, għal intendiment aħjar ta' dan l-ewwel aggravju tagħhom, ser telenka kronoloġikament l-iter proċesswali:

04.09.2013 Rikors ġuramentat tal-atturi li permezz tiegħu talbu li jiġi dikjarat li l-aġir tal-konvenuti "*tal-21 ta' Lulju 2013*" jikkostitwixxi spoll fil-konfront tagħhom, u li tiġi ordnata r-ripristinazzjoni billi l-konvenuti jiġu ordnati biex f'terminu qasir jivvakaw mill-fond 24, Triq Santa Tereza, Għaxaq, u jroddulhom kopja taċ-ċavetta;

10.09.2013 Digriet tal-ewwel Qorti fejn appuntat ir-rikors għas-smiegħ għas-16.12.2013

12.09.2013 Rikors tal-atturi li permezz tiegħu talbu korrezzjoni fl-ewwel talba tagħhom fis-sens li l-kliem "*tal-21 ta' Lulju 2013*" jiġu mħassra

18.09.2013 L-ewwel Qorti ordnat li tali rikors tat-12.09.2013 jiġi nnotifikat lill-konvenuti li jkollhom sitt ijiem biex jirrispondu.

(Ma jidhirx li qatt sar tentattiv da parti tal-atturi biex jinnotifikaw lill-atturi (recte:konvenuti?) b'dan ir-rikors għall-korrezzjoni)

04.10.2013 Il-konvenuti ġew notifikati bir-rikors ġuramentat u d-digriet tal-qorti fejn appuntatu għas-16 ta' Diċembru 2013.

04.10.2013 Il-konvenuti ġew notifikati bl-Avviż tal-kawża.

14.10.2013 Risposta ġuramentata tal-konvenuti.

16.10.2013 Id-difensur tal-atturi ġie notifikat bir-risposta.

16.12.2013 L-ewwel dehra. Dehru l-partijiet assistiti. Il-kawża ġiet differita għas-26.03.2014 għall-provi tal-atturi.

26.03.2014 Dehru d-difensuri tal-partijiet. Xehdu PS.827 Edward Grech u Reuben Bonnici (mill-ARMS) it-tnejn prodotti mill-atturi, u t-tnejn esebew xi dokumenti. Id-difensur tal-konvenuti għamlilhom il-kontro-eżamijiet relattivi. Il-kawża ġiet differita għas-27.06.2014 għall-kontinwazzjoni tal-provi tal-atturi.

18.06.2014 L-atturi għamlu rikors sabiex iħarrku lill-konvenuti in subizzjoni għas-seduta tas-27.06.2014. Dan ġie milqugħ fl-24.06.2014 u ġie notifikat lill-

attriċi biss u tardivament, (fil-05.07.2014).

27.06.2014 Dehru wħud mill-atturi assistiti mid-difensur tagħhom. Xehdet Maria MacNamara (Principal tal-iskola fejn imorru wlied il-konvenuti), prodotta mill-atturi. L-atturi esebew tlett affidavits: tal-attriċi Lorraine Azzopardi, l-attur Mario Farrugia, u Herman Mifsud (ir-raġel tal-attriċi Carmen Mifsud).

Il-konvenuti u d-difensur tagħhom ma jidhirx li kienu preżenti.

Id-difensur tal-atturi iddikjara li salv li jikkontro-eżamina lill-konvenuti ma kienx baqagħlu aktar provi.

Il-kawża ġiet differita għad-09.07.2014 għall-provi tal-konvenuti.

09.07.2014 Dehru l-atturi assistiti. Minkejja li l-atturi kienu ddikjaraw li kienu għalqu l-provi fis-seduta preċedenti, u din is-seduta kienet għall-provi tal-konvenuti, id-difensur tal-atturi ppreżenta affidavit tal-attriċi Carmen Mifsud, u l-ewwel Qorti ma oġġezzjonatx. Imbagħad iddikjara (għat-tieni darba) li l-provi tal-atturi kienu magħluqa.

L-ewwel Qorti ddikjarat hekk:

> "*Peress li l-kawża llum kienet għall-provi tal-konvenuti, u la dehru l-istess konvenuti u lanqas id-difensur tagħhom, il-Qorti tiddikjara l-provi tagħhom magħluqa, u tiddiferixxi l-kawża għat-3 ta' Ottubru 2014 fid-9.30am għas-sentenza*".

09.07.2014 Rikors b'urġenza tal-konvenuti fejn talbu li l-prolazzjoni tas-

sentenza tiġi sospiża, li l-atturi jiġu ordnati jinnotifikawhom bl-affidavits tagħhom, u li huma jkollhom l-opportunita` jressqu l-provi tagħhom.

09.07.2014 L-ewwel Qorti rat ir-rikors dakinhar stess, u ordnat li jkun notifikat lill-atturi, u tathom għaxart ijiem biex jirrispondu.

14.07.2014 Il-konvenuti ħallsu għan-notifika ta' tali rikors lill-atturi (iżda r-riferta kienet negattiva).

27.08.2014 Il-konvenuti reġgħu ħallsu għan-notifika ta' tali rikors lill-atturi (iżda r-riferta reġgħet kienet negattiva).

12.09.2014 Fir-rigward tar-rikors għall-korrezzjoni li kienu għamlu l-atturi s-sena ta' qabel (12.09.2013) u li minkejja li l-ewwel Qorti kienet ordnatilhom jikkomunikawh lill-konvenuti, baqgħu qatt ma ottemperaw ruħhom ma' tali ordni, l-ewwel Qorti eżatt sena wara (u cioe` fit-12.09.2014, meta l-kawża kienet diġa differita għas-sentenza) laqgħet ir-rikors tal-atturi u ordnat tali korrezzjoni.

03.10.2014 Minkejja li r-rikors tal-atturi tad-09.07.2014 għas-sospenzjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza baqa' qatt ma ġie degretat, l-ewwel Qorti għaddiet biex tat is-sentenza.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-qorti</u>**

**7.** Din il-qorti, wara li eżaminat bir-reqqa l-atti kollha, u partikolarment dawk ta' natura proċedurali, tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

- Ladarba r-rikors tal-atturi tat-12 ta' Settembru 2013 għall-korrezzjoni tal-ewwel talba qatt ma ġie notifikat lill-konvenuti, kif ordnat mill-ewwel Qorti, (u dan għaliex l-atturi qatt ma ndenjaw ruħhom jinnotifikaw il-konvenuti) l-ewwel Qorti ma kellhiex tgħaddi biex tilqgħu – *multo magis* fl-istadju meta l-kawża kienet tinsab differita għas-sentenza.

- Minkejja li l-atturi għalqu l-provi tagħhom fis-27 ta' Ġunju 2014 u l-kawża ġiet differita għad-9 ta' Lulju 2014 għall-provi tal-konvenuti, l-ewwel Qorti fid-9 ta' Lulju 2014 ippermettiet lill-atturi jippreżentaw affidavit ieħor. Huma mbagħad reġgħu ddikjaraw li kienu qegħdin jagħlqu l-provi dakinhar. Veru li s-seduta kienet intiża għall-provi tal-konvenuti, u veru li ma dehrux, imma tenut kont tal-fatt li l-atturi tħallew ikomplu bil-provi tagħhom minkejja li fis-seduta preċedenti kienu ddikjaraw li kienu għalqu l-provi, kien indikat li l-konvenuti jingħataw l-opportunita` jieħdu konjizzjoni tal-affidavit li ġie preżentat sabiex ikunu jistgħu jirregolaw ruħhom dwaru u jittrattaw qabel il-kawża titħalla għas-sentenza.

- Minkejja żewġ (2) tentattivi da parti tal-konvenuti sabiex jinnotifikaw lill-atturi bir-rikors tagħhom tad-9 ta' Lulju 2014 għas-sospenzjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza, u sabiex jingħataw ċans li jiġu notifikati bl-affidavits u jressqu l-provi tagħhom, l-ewwel Qorti għaddiet għas-sentenza u cioe` tat sentenza nonostante li kien hemm rikors li baqa' ma ġiex iddegretat. Dan xejn ma kien jiffavorixxi smiegħ xieraq.

**8.** Din il-qorti *inoltre* ma tistax ma tosservax illi, eskluża l-parti solita fejn ġew elenkati t-tlett elementi tal-azzjoni ta' spoll u l-parti li tiċċita l-ġurisprudenza relattiva d-deċiżjoni appellata tikkonsisti essenzjalment f'sentenza waħda bil-motivazzjoni konsistenti sempliċiment filli:

> "*… l-konvenuti ma ressqux provi u wrew disinteress kważi totali fl-andament tal-kawża, u allura ma rribattewx il-provi li ressqu l-atturi; l-atturi da parti tagħhom ressqu diversi provi konsistenti f'affidavits u xhieda oħra u għall-Qorti huwa evidenti li r-rekwiżiti kollha tal-azzjoni jirriżultaw*".

**9.** Din il-konklużjoni l-ewwel Qorti waslet għaliha abbażi tal-provi tal-atturi mingħajr ma tat lill-konvenuti l-opportunita` jressqu l-provi tagħhom. Hija l-fehma ta' din il-qorti li bil-mod kif ipproċediet il-kawża l-konvenuti għandhom raġun jilmentaw li ġew imċaħħda mid-dritt li jressqu l-każ tagħhom u jingħataw smiegħ xieraq.

**10.** L-ewwel Qorti kienet drakonjana wisq meta wara li fl-istess seduta ppermettiet lill-atturi jġibu prova wara li kienu ddikjaraw li ma għandhomx provi iżjed iddikjarat li l-provi kienu magħluqa mingħajr ma

tat lill-konvenuti l-opportunità li jirregolaw ruħhom dwar il-prova li kienet għadha kemm ġiet prodotta. Huwa minnu li l-konvenuti naqsu milli jidhru iżda dakinhar kellhom jitressqu biss il-provi tagħhom mentri l-atturi ġew awtorizzati jipproduċu prova fl-assenza tal-konvenuti u ddiferiet il-kawża għas-sentenza li fiha mbgħad ċanfret lill-konvenuti talli "*wrew disinteress kważi totali fl-andament tal-kawża*".

**11.** Invece fir-rigward tal-atturi, mhux biss ħalliethom ikomplu jressqu l-provi tagħhom minkejja l-fatt li dawn kienu diġa magħluqa, talli laqgħetilhom it-talba tagħhom għall-korrezzjoni minkejja d-"*disinteress*" li wrew <u>huma</u> f'dan ir-rigward inkwantu lanqas biss indenjaw ruħhom jinnotifikaw ir-rikors tagħhom lill-konvenuti kif kienu ġew ordnati jagħmlu mill-ewwel Qorti.

**12.** Seta' kien ikun hemm x'wieħed seta' jgħid li kieku l-konvenuti ma talbux għas-sospensjoni tas-sentenza wara li l-kawża ġiet differita għal dan il-għan iżda konvenuti għamlu din it-talba iżda l-ewwel Qorti għaddiet għall-prolazzjoni tas-sentenza meta r-rikors tal-konvenuti baqa' qatt ma ġie degretat u fil-fatt sad-data tas-sentenza kien għadu mhux degretabbli stante li minkejja żewġ tentattivi da parti tal-konvenuti biex jinnotifikaw lill-atturi bih, ir-riferti ġew lura negattivi.

**13.** Fid-dawl ta' dak kollu premess, din il-qorti tilqa' l-appell tal-konvenuti appellanti u:

- tħassar id-digriet tat-12 ta' Settembru 2014 li bih laqgħet ir-rikors tal-atturi tat-12 ta' Settembru 2013 għall-korrezzjoni tal-ewwel talba tagħhom u tħalli din il-kwistjoni impreġudikata sabiex tiġi konsidrata mill-ġdid u deċiża mill-ewwel Qorti wara li tisma' lill-appellanti dwarha;

- tħassar id-digriet li tat l-ewwel Qorti fl-udjenza tad-9 ta' Lulju 2014 fejn iddikjarat il-provi tal-konvenuti bħala magħluqa, u

- tħassar is-sentenza tat-3 ta' Ottubru 2014 u tibgħat l-atti lura lill-ewwel Qorti sabiex il-kawża titkompla skont il-liġi u *inter alia* jingħata provvediment finali fir-rigward tar-rikors tad-9 ta' Lulju 2014.

L-ispejjeż ta' dan l-appell ikunu a karigu tal-atturi appellati filwaqt li dawk tal-ewwel istanza jibqgħu riservati għall-ġudizzju finali.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Noel Cuschieri<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
mb